MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-22 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 157/2002/1

**Maria Dolores Degabriele u b'digriet tat-2 ta' Novembru 2004, Carmelo Degabriele bhala kuratur tal-inabilitata Maria Dolores Degabriele assuma l-atti tal-kawza flok l-attrici u b'digriet tal-Qorti tat-18 ta' Ottubru 2005 gew trasfuzi l-atti f'ismijiet ta' Ernest Degabriele, Carmelo Degabriele u Erminia Conti peress li l-attrici Maria Dolores Degabriele mietet fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Hilda Galea u zewgha Anthony Galea**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Maria Dolores Degabriele li permezz taghha wara li gie premess illi:

L-attrici kienet ghamlet prokura lill-konvenuta Hilda Galea mart il-konvenut l-iehor Anthony Galea, liema prokura ggib id-data tal-1 ta’ Awwissu 1999 jew prokura datata 13 ta’ April 2000 (ara Dok. A).

Il-konvenuta Hilda Galea bis-sahha tal-prokura sudetta, zbankat l-ammont ta’ tnejn u erbghin elf, elf hames mija u sebghin Lira Sterlina u sitta u erbghin penny (Stg. 42,570.46), ekwivalenti ghal sebgha u ghoxrin elf tlett mija u tlettax-il Lira Maltija, sitta u ghoxrin centezmu u tmien millezmi (Lm27,313,26.8) bir-rata tal-kambju ta’ wiehed punt hames hamsa tmienja sitta (1.5586), liema zbank sar fl-20 ta’ Frar, 2001, mill-kont bl-account number 173-0034802-8) li kien depozitat fil-fergha tar-Rahal Gdid tal-Bank of Valletta, p.l.c. (ara dok. B u C).

L-imsemmi zbank ma sarx fl-interess tal-attrici u ad insaputa tal-istess attrici.

Il-konvenuta mitluba biex trodd lura lill-attrici s-somma fuq imsemmija baqghet inadempjenti.

Ghalhekk li l-ghemil tal-konvenuta kien wiehed ghal kollox doluz, abuziv fil-ligi u bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-attrici u dan meta ghamlet uzu mill-prokura surreferita u zbankat l-ammont fuq imsemmi u zammitu ghaliha nnifisha u allura giet li ghamlet qliegh u profitt a spejjez tal-attrici.

Il-konvenut l-iehor, apparti li ghandu kull interess fil-ligi biex ikun fil-kawza kien konsapevoli u addirittura komplici f'dak kollu li ghamlet martu, tant li llum qieghed jibbenefika bil-qliegh u profitt indebitu kommess mill-konvenuta martu a spejjez tal-attrici.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara li meta l-konvenuta Hilda Galea fl-20 ta' Frar, 2001 bis-sahha tal-prokura datata 1 ta' Awwissu, 1999 jew prokura datata 13 ta' April 2000, rilaxxjata lilha mill-attrici, sbankat l-ammont ta' Stg. 42,570.46 mill-kont numru 173-0034802-8 mill-fergha ta' Rahal Gdid tal-Bank of Valletta, p.l.c., hi ghamlet dan b'mod doluz u abuziv fil-ligi u li allura ghamlet qliegh u profitt indebitu a spejjez u bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-attrici.

2. Tiddikjara wkoll li l-konvenut l-iehor, cioé Anthony Galea kien konsapevoli u/jew komplici tal-ghemil kollu ta' martu l-konvenuta Hilda Galea.

3. Tiddikjara ghalhekk li l-konvenuti jew min minnhom huma fil-ligi obbligati li jroddu lura lill-attrici l-flejjes kollha zbankati mill-istess konvenuta Hilda Galea mill-kont fuq imsemmi fid-dati imsemmija.

4. Tikkundanna ghalhekk lill-konvenuti jew lil min minnhom jroddu u jhallsu lura lill-attrici s-somma ta' Lm27313,26.8

ekwivalenti ghal Stg. 42,570.46 bir-rata tal-kambju kif kienet fid-data tal-isbank mill-konvenuta u cioé bir-rata ta' 1.5586, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-izbank fuq imsemmi sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru li qieghed jigi prezentat kontestwalment u lill-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kull azzjoni spettanti lill-attrici kontra l-konvenuti ghall-beni u flejjes ohra li setghu hadu tul iz-zmien li l-konvenuta kienet prokuratrici tal-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Hilda Galea u zewgha Anthony Galea li in forza taghha gie eccepit illi:

L-eccipjenti obdiet l-istruzzjonijiet moghtija lilha mill-attrici li fil-mument meta hija kienet prokuratrici kellha l-kapacità mentali shiha u bla ebda mod ma agixxiet kuntrarjament ghal dak li din riedet anzi proprju l-kontra.

Il-konvenuti ma hadu xejn lill-attrici kontra l-volontà taghha u ghalhekk la kienu abuzivi u anqas b'xi mod agixxew illegalment.

B'riserva ta�much eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet xhieda viva voce.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-atturi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi:

Permezz ta' din il-kawza Maria Dolores Degabriele talbet lil din il-Qorti tordna lil-konvenuti jroddu lura flejjes zbankati minn Hilda Galea b'mod doluz meta kienet prokuratrici ta' ommha.

Jirrizulta illi fl-1 ta' Awissu 1999 u kif ukoll fit-13 ta' April 2000 Maria Dolores Degabriele illum mejta kienet tat prokura lill-konvenuta Hilda Galea, bintha. Din il-prokura (Dok. A, fol. 16) giet iffirmata fil-presenza ta' avukat. Permezz ta' din il-prokura Hilda Galea kienet tiggestixxi l-affarijiet bankarji ta' ommha. Jirrizulta illi fl-20 ta' Frar 2001, minn kont bankarju ta' Maria

Dolores Degabriele, gie zbankat l-ammont ta’ 42.570 Stg, u dan fuq firma ta’ Hilda Galea. Sussegwentement, f’Novembru 2001, Maria Dolores Degabriele irtirat il-prokura li kienet tat lil bintha u hatret bhala prokuratur taghha lil binha Carmelo, illum wiehed mill-atturi li assumew l-atti tal-kawza wara l-mewt tal-attrici. L-attrici f’dan l-istadju bdiet titlob il-flus lura lill-konvenuta u, permezz ta’ din il-kawza xlietha illi l-flus gew zbankati minghajr il-kunsens taghha.

Doveruz ghall-Qorti fil-kuntest tissenjala xi principji regolatorji li ghandhom jigu segwiti; u cioé l-ewwelnett illi din il-Qorti hija strettament marbuta mal-parametri fissati mill-att promotur tal-kawza permezz tal-kawzali msemmija u t-talbiet maghmula. Il-Qorti ma tista’ qatt tohrog minn dawk il-parametri.

Kif intqal mill-Prim’Awla fil-kawza Azzopardi vs Azzopardi (31 ta’ Jannar 2003):

> *“Dan ghaliex il-Qorti ghandha toqghod biss fuq il-kawzali u t-talba dedotta, u xejn izjed" (**Vol. XXXIX P I p 243**). Li jfisser li l-Qorti ghandha fl-ghoti tas-sentenza taghha toqghod rigorosament fil-limiti tal-kontestazzjoni, u entro it-termini tac-citazzjoni u ta' l-eccezzjonijiet.”*

Kif irriteniet ukoll il-Qorti tal-Appell fil-kawza Farell vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (24 ta’ Gunju 2011):

> *“Hu maghruf li kawzi quddiem il-qrati superjuri jridu jimxu a bazi tal-kawzali kif imressqa ghal quddiemha mir-rikorrenti, u jekk talba tkun mitluba a bazi ta’ kawzali*

*partikolari, mhux lecitu ghall-parti jew ghall-qorti tinvestiga lill'hinn minn dik il-kawzali."*

Jigi raffermat ukoll il-principju illi l-piz tal-prova jinikombi fuq min jallega – (Salv. Bezzina & Sons Ltd vs Paul Borg – 27 ta' Marzu 2015):

*""Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' verzjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur"".*

Il-Qorti qieset il-provi kollha prodotti fil-kawza u ssib illi l-unika prova li ressqet l-attrici in sostenn tat-tezi taghha huwa l-affidavit taghha stess. It-tezi taghha kompliet issostniha fil-kontro-ezami. Sfortunatament din il-Qorti ma kellha ebda opportunità tisma' lill-attrici viva voce. Mill-banda l-ohra l-konvenuta bintha baqghet dejjem isostni illi sar kollox bil-kunsens ta' ommha, anzi fuq istruzzjonijiet taghha u fil-presenza tal-istess attrici.

Fid-dawl ta' dawn il-verzjonijiet konfliggenti il-Qorti qieset l-assjem tal-provi prodotti u dan ukoll sabiex tasal ghal fehma dwar x'inhu l-aktar verosimili fic-cirkostanzi.

Ma gie kontrastat bl-ebda mod illi fiz-zmien meta sar l-izbank li dwaru saret din il-kawza, kienet il-konvenuta wahedha minn

hutha, li kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha ta' ommha inkluz dawk personalissimi li tahsilha u titmaghha kuljum. Ix-xhieda tal-impjegati tal-"home" fejn kienet rikoverata l-anzjana jikkonfermaw dan.

Fil-perjodu in kwistjoni Maria Dolores Degabriele kienet mentalment b'sahhitha. Ic-certifikat mediku mahrug mill-psikjatra fis-16 ta' Jannar 2002 jikkonferma dan (ara fol. 28).

Ukoll, l-impjegati ta' Bank of Valletta fil-fergha ta' Rahal Gdid fejn saret it-transazzjoni bankarja jikkonfermaw ic-cirkostanzi li fihom saret it-transazzjoni. Kemm Isabelle Cutajar kif ukoll Norman Spagnol jikkonfermaw dak li jsostnu l-konvenuti u cioé li t-transazzjoni bankarja saret fil-presenza ta' Maria Dolores Degabriele u wara diskussjoni maghha (ara xhieda fol. 427).

Huwa minnu li fuq rapport tal-atturi odjerni, nbdew proceduri kriminali fil-konfront tal-konvenuta pero' l-Qorti ma nghatat ebda informazzjoni dwar l-ezitu taghhom u, mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda esibiti f'dawn il-proceduri, jidher li dawk il-proceduri kienu jinvolvu ukoll safe deposit box li m'hijiex mertu ta' dawn il-proceduri.

F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti hi tal-fehma li Maria Dolores Degabriele kienet taf ben tajjeb x'kien qieghed jigri minn flusha. Setghet biddlet fehemtha wara diskors ma' uliedha l-ohra, però din il-Qorti ma gietx konvinta illi fl-20 ta' Frar 2001 Hilda Galea agixxiet bil-mod doluz u abbuziv li giet mixlija bih. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-attrici, u warajha uliedha Ernest u Carmelo ma rnexxielhomx jippruvaw dak li allegaw, u ghalhekk it-talbiet taghhom qeghdin jigu michuda. Ghal dak li

jirrigwarda lil Erminia Conti peress illi din kienet stqarret illi ma kellha ebda interess fil-kawza u li qatt ma tat il-kunsens taghha fir-rigward, il-Qorti tqis li m'ghandha tbati ebda spejjez.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet kollha.

L-ispejjez jithallsu kollha minn Ernest Degabriele u Carmelo Degabriele.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------